# L-ISQOF U D-DJOĊESI

Nhar il-Ġimgħa 21 tax-xahar, saret il-konsagrazzjoni tal-Isqof il-ġdid Mons. Anton Teuma. Ftit jiem oħra fis-16 ta' Settembru nfakkru t-twaqqif tad-Djoċesi tagħna.



L-Isqof se jmexxi d-djoċesi fi żminijiet li huma ferm differenti minn dawk ta' meta twaqqfet l-istess djoċesi. Matul dawn il-150 sena, il-knisja f'Għawdex tat kontribut kbir fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fil-kultura. Imma fuq kollox, il-knisja Għawdxija xandret il-Vanġelu ta' Kristu fil-gżira Għawdxija u f'ħafna pajjiżi madwar d-dinja, permezz ta' familji tajbin u missjunarji impenjati li ħarġu 'l barra mix-xtut tal-gżira Għawdxija.

Għal li ġej, l-Isqof Mons. Anton Teuma, se jkompli jmexxina biex id-djoċesi tagħna tkun santwarju tal-kelma u tal-Ewkaristija, biex il-komunità nisranija tagħti prijorità lill-kelma u lill-karità. Fl-istess ħin fi żmienna hemm ħtieġa urġenti li nisimgħu d-dinja li tgħix 'il barra mill-qafas tal-knisja.

Għan-nies li jinsabu mperprin u spiritwalment imċerċrin, il-karità ta' kull nisrani għandha titħaddem biex fi kliem il-kittieb James Mallon inkunu "A church which makes us belong, believe and behave".

***L-Arċipriet***

## ROKNA EKOLOĠIKA

Fl-10 ta' Awwissu 1867 Ruggero Pascoli, missier il-poeta famuż Giovanni, kien ġej lura mis-suq, isuq karozzin miġbud mid-debba bajda u sewda li kellu. Assassin mistoħbi fil-ġenb tat-triq, tah tir u qatlu. Id-debba baqgħet miexja u wasslet il-ġisem mejjet sad-dar. L-iben poeta kiteb poeżija li fost l-oħrajn fiha dal-kliem, li se nħallih bl-Ingliż kif sibtu:

*A swallow was returning to the roof: they killed her. She fell among the thorns;*
*She had an insect in the beak: the dinner of her little swallows.*

Giovanni Pascoli jxebbah il-qtil ta' missieru mal-qatla ta' ħawwiefa.
Żgur li ma kienx jaqbel li għandna noqtlu t-tajr.



## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:30pm; 7:15pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 6:00pm; 7:30pm

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am